MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Numru. 596/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANNE MARIE MICALLEF**

**KONTRA**

**CARMEL ABELA ta' 51 sena, iben John u Annie nee' Pace, imwieled il-Hamrun nhar il-25 ta' Ottubru, 1958, residenti fil-fond imsemmi My Dear Father, Triq il-Qawsalla, Imsida, u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 682258M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra 'l hawn fuq imsemmi **CARMEL ABELA** li gie akkuzat talli:

a. Nhar id-29 ta' Mejju, 2002 ghall-habta tal-5.35pm, gewwa Triq Bisazza, Tas-Sliema, jew fil-vicinanzi, hebb

ghall-persuna ta’ David Franks u kkagunalu griehi ta’ natura hafifa, skond certifikat mahrug mit-Tabib Dr Anton Briffa MD tal-Poliklinika tal-Gzira;

b. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi, ikkaguna hsara volontarja fuq vettura ta’ l-ghamla Subaru Impresa bin-numru tar-registrazzjoni DSF 001, liema vettura hija proprjeta’ tal-familja ta’ l-imsemmi David Franks, u liema hsara li saret ghad-detriment ta’ l-istess persuna, tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50.00), izda inqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500.00);

c. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;

d. U kif ukoll talli fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi, tkellem fahxi u qal diversi kliem iehor li jammonta f’dagha u kliem hazin.

Rat li l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta’ l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu. Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u l-konsegwenti kunsens ta’ l-imputat ghal proceduri sommarji.

Rat li fis-seduta ta’ nhar it-18 ta’ Lulju, 2008, fil-fatt inqrat l-akkuza u sar id-debita nterrogatorju. Rat fil-fatt illi fil-verbal ta’ l-istess seduta l-Avukat Difensur ecepixxa l-preskrizzjoni ghall-akkuzi a, b, c, u d.

L-Ufficjal Prosekutur fil-fatt ghamel verbal jispjega d-diffikulta’ li kellu biex jinnotifika lill-imputat. L-imputat fil-fatt gie notifikat fis-seduta odjerna.

Rat riferti ohra ezebiti - wahda li ggib id-data ta’ l-14 ta’ Mejju, 2003 fejn l-imputat gie notifikat hu stess u ohra ta’ l-20 ta’ Marzu, 2003.

Rat in vista’ ta’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni, l-akkuzi migjuba. Rat ghalhekk l-Artikolu 688 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-Artikoli 221 u 325(b) tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in vista' ta' l-ewwel u t-tieni akkuzi. In vista' li tali huma preskrivibbli bil-perjodu ta' sentejn, u jidher li hemm riferti fejn l-imputat kien debitament ingunt fit-terminu tas-sentejn, tqis bhala preskritti t-tielet u r-raba' akkuzi.

Ikkunsidrat:

Illi x-xhud principali David Franks spjega li kien maqbud go traffic jam li gie kkagunat minn truck li kien ipparkjat f'nofs it-triq Tigne' Seafront. Hawn xehed illi kien hemm zewg persuni jhottu kaxex ta' merkanzija. Jghid li dan it-traffic jam dam circa hames minuti. Meta beda jiccaqlaq it-traffiku, ghaliex it-truck kien mexa, ix-xhud Franks kellem lil Carmelo Ablea l-imputat, u qallu *'….that is was very selfish the way he parked the car there'* (folio 30). Qal illi Abela rrabja, u mar fuqu u mit-tieqa tas-sewwieq attakkah billi qabadlu l-inkravata, ipprova jaqlaghlu ghajnejuh u jtajjarlu n-nuccali. Qal illi meta spicca jigi assaltat, ipparkja barra Burger King u minn hawn cempel lill-pulizija. Xehed illi sadanittant l-imputat, li kien ghadu qieghed idahhal il-kaxex gol-hanut li kien hatt u halla fuq il-bankina, beda jghajjat mieghu x'hin ra li kien baqa' bil-wieqfa hemm. Heddu li jifqghu. Rega' assaltah, tah anke daqqa ta' ras. Baqa' jipprova jolqtu. Ezebixxa certifikat mediku tal-griehi minnu sofferti – DOK MB1 u DOK MB3 il-hsarat sofferti fuq il-vettura Subaru Impresa DSF 001.

Xhud iehor tal-Prosekuzzjoni, certu Fabio Axisa, xehed illi kien qieghed jiehu kafe' ma' shabu Giorgio's. Jghid li dahal gewwa fil-cafeteria meta hareg, sab lil shabu fuq bankina ohra ma' David Franks. Ra li Franks kellu demm u xi haga hazina fin-nuccali.

Mark Paretti, xhud iehor okulari, jiftakar illi kienu qeghdin fi traffic jam stante li kien hemm xi hadd ihott xi xoghol, u konsegwentement ghalaq it-triq. Jaf li nqala' argument bejn dan li kien qieghed ihott ix-xoghol u l-ewwel karozza li kienet fit-traffic jam. Rahom jilletikaw. Ra lill-persuna li kienet fil-vettura, allura got-traffic jam, baqghet fil-karozza u l-ohra resqet mat-tieqa. Qal illi l-argument kien jidher wiehed movimentat.

Xehed l-imputat minn jeddu. Ghazel ukoll fi stadju ta' nvestigazzjoni li jirrilaxxa stqarrija.

Fl-istqarrija jammetti li pparkja t-trailer biex ihott u ghalhekk ghalaq it-triq ghal hames minuti. Qal illi ghalkemm qabel il-hatt kien ghamel post bil-kaxxi fejn jipparkja, dawn tnehhew. Ghalhekk sakemm regghu sabu post biex jipparkjaw it-trailer damu xi hames minuti jhottu u ghalhekk ingemgha t-traffiku. Qal illi hu mar ikellem lis-sewwieqa bil-prudenza kollha. Qal illi kien il-barrani biss li oggezzjona. Qal issa li meta wara xi tliet minuti saqu t-trailer, dan il-barrani wasal hdejh, (meta rega' beda jsuq), beda jghajjat u qallu *'you ignorant, selfish, stupid'* (folio 20), u kliem iehor. Jghid li qallu biex isuq u jhallieh bi kwietu. Ammetta li ghalkemm kien in-naha tal-passiggier, mar in-naha tas-sewwieq biex jispjegalu x'kien gara. Hawn il-barrani saq naqra goff u laqatlu rkubbtejh. Qal ukoll illi aktar tard waqt li kien qieghed idahhal xi xoghol li hallew fuq il-bankina, ra lill-barrani jdur mat-truck. Meta rega' resaq lejh, dan qallu li ma setax jitlaq ghax kienu gejjin il-pulizija. Jghid illi hawn qallu biex izul minn nofs, x'hin ma riedx jaghmel hekk, jghid li hu zar lura, ghalhekk il-barrani tfixkel u habat rasu. Qal illi hu qatt ma xejjer idejh.

Viva voce jghid li l-akkuza rcevieha fid-29 ta' Jannar, 2005 – dan meta skondtu kien l-Ufficjal Prosekutur li kien tah l-istess gewwa l-Awla tal-Qorti. Hawn ikkonferma l-istqarrija minnu rilaxxata, cioe' li beda jhott ix-xoghol go Tas-Sliema u kien il-barrani l-Ingliz li oggezzjona li huma ghalqu t-triq. Xehed illi dan beda *'jpaqpaq u jipprovokah'* (it-tielet pagna tax-xhieda moghtija mill-imputat fis-seduta ta' nhar is-26.05.2009). Qal illi x'hin lestew ix-xoghol, dan beda jheddu li jgiblu l-pulizija, qal illi pprova jieqaf quddiemu, qal illi darlu u x'hin darlu dan habat rasu ma' xi haga (*ibid*). Mistoqsi kif darlu, wiegeb illi waqaf quddiemu fuq il-bankina.

Innega li hu hebb ghalih. Qal illi l-barrani biex izommu fil-post (sakemm jaslu l-pulizija), ipprova jimbuttah, jghid illi darlu u b'hekk il-barrani gheleb minn fuq il-bankina ghax l-

imputat mexielu lura. Jghid illi dan habat rasu jew mieghu jew ma’ xi haga ohra.

Ammetta in kontro ezami li x’hin l-Ingliz ghajru *‘…you idiot u dawn l-affarijiet…x’hin ipprova jsuq ghal fuqi, jien imbuttajt b’saqajja l-bieba tal-karozza tieghu’* (folio 7 tax-xhieda tieghu). Fil-fatt jghid illi x’hin saq ghal fuqu qabad saqajh mal-bieba tieghu.

Dwar il-waqgha tal-barrani, in kontro ezami issa qal illi din grat billi l-barrani mar biex izommu, zarlu minn nofs u dan jista’ jkun li habat ma’ spalltu. Fl-istess nifs jghid ukoll illi l-barrani wegga’ billi dan kien fuq il-bankina, il-barrani pprova jzommu, l-imputat ma halliehx, u b’hekk ma jafx kif waqa’ – anzi jghid illi dan waqa’ ghal fuqu.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok il-Qorti ser terga’ taghmel referenza ghall-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni mqajma mid-Difiza u dak illi xehed l-imputat fejn qal illi hu gie biss notifikat f’Jannar, 2005. Qisu nesa l-istess imputat li din il-kawza giet moqrija nhar it-18 ta’ Lulju, 2003 wara li l-istess imputat (kif hemm ivverbalizzat gie notifikat mill-Ufficjal Prosekutur fuq talba ta’ l-istess imputat, folio 11). Fl-ewwel seduta ghalhekk, wara li primarjament kien accetta n-notifika ta’ l-akkuza, issa fl-Awla ddikkjara li ma kienx qieghed jaccetta l-istess. F’dan l-istadju l-Qorti ordnat il-prosegwiment s-smiegh tal-kawza b’dan illi l-akkuza giet moqrija u sar id-debita nterrogatorju, stante li kien qieghed jirrizulta lill-Qorti li l-imputat kien qieghed jilghab il-loghba tan-notifika. Terga’ u tghid din il-Qorti kellha riferta li l-Ispettur Mario Bonnici ghas-seduta tat-18 ta’ Lulju, 2003 kien personalment innotifika lill-istess imputat biha.

Din il-Qorti ma ngabitlha qatt prova kontrarja li l-imputat qatt ma rcieva l-akkuza, anzi fis-seduta gie msemmija ta-sena 2003, wiegeb ghall-akkuzi u anke tella’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ghar-ragunijiet premessi tqis ghalhekk it-tielet u r-raba’ akkuza bhala preskritti.

Dwar il-mertu, frankament ftit ghandha xi tghid din il-Qorti, hlief illi l-imputat donnu jahseb li ghaliex hu kien xoghol jista' bla permess u bil-kumdita' tieghu jaghlaq it-triq u oltre hekk illi n-nies fil-vetturi ghandhom joqoghdu bil-pacenzja jistennewh!! Harsa wkoll lejn dak li ghazel illi jghid l-imputat fl-istqarrija u viva voce, turi bic-car l-inkonsistenza tal-verzjoni tieghu kif wegga' Franks, meta din il-Qorti kellha anke l-konfort li tisma' xhud okulari Parretti, li ra lill-imputat jersaq anke lejn il-vettura ta' Franks waqt argument movimentat.

L-imputat apparti l-verzjonijiet differenti li ta ta' kif wegga' Franks, anke ammetta li laqat bis-sieq il-vettura ta' Franks. Ghaldaqstant, tenut dan kollu premess, qieghda ssib lill-imputat hati ai termini ta' l-Artikoli 221 u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rat il-fedina penali tieghu, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt(6) xhur sospizi ghal sena(1), u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna wkoll illi kull riferta lilha ezebita tigi debitament allegata u ffoljata fil-process odjern.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------